**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**MAGISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 730/2018**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Mario Xiberras)**

**-vs-**

**JIDE MALLIA**
**(ID: 0146199 M)**

**Illum, 16 ta' Lulju 2020**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **JIDE MALLIA,** detentur tal-karta tal-identita' 0146199M tressaq quddiemha akkuzat talli:-

Nhar l-20 ta' Frar 2017 u/jew granet ta' qabel f'hin mhux maghruf mill-fond Nru. 4 Mengu F/H tal-Blajta L/O Hal Far, Birzebbugia f' Malta ikkommetta serq ta' tlett is-Snieter "shotguns" liema serq hu kkwalifikat bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u li sar ghad-detriment ta' Emanuel Mangion mill-Fgura u ta' Francis Mangion minn Kirkop.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali a tenur tal-Artikoli 370(4) tal-Kap. 9, sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja[1];

Semghet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti fl-atti;

Semghet it-trattazzjoni orali tal-Prosekuzzjoni waqt l-udjenza tat-2 ta' Marzu 2020;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mid-difiza tal-imputat fis-17 ta' Gunju 2020;

Rat illi waqt l-udjenza tad-9 ta' Lulju 2020, il-Prosekuzzjoni u d-difiza qablu li l-kawza tista' tigi mhollija ghas-sentenza;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghad-decizjoni;

Ikkunsidrat;

Illi dan huwa kaz dwar is-serq ta' tliet armi minn gol-fond bin-numru 4, Mengu Farmhouse, Tal-Blata, limiti ta' Hal Far, a dannu ta' Emanuel Mangion u Francis Mangion fuq rapport li sar lill-Pulizija mill-imsemmija persuni nhar l-20 ta' Frar 2017.

Ikkunsidrat;

Illi huwa minnu li, kif sottomess mid-difiza fis-sottomissjonijiet finali taghha u kuntrarjament ghal dak addebitat fic-citazzjoni, mill-provi ma jirrizultax illi effettivament insterqu "*tliet snieter 'shotguns'*". Il-provi juru illi l-oggetti

[1] Fol. 9.

misruqa mill-pussess ta' Emanuel Mangion u Francis Mangion kienu jikkonsistu f'zewg snieter (*shotgun*) kif ukoll f'*air rifle*. Mill-provi jirrizulta wkoll illi l-armi li jinsabu registrati f'isem Francis Mangion jinkludu proprju *shotgun* tal-ghamla Benelli bin-numru 159855 kif ukoll *air rifle* bin-numru W43822320 tal-marka Umarex, liema armi huwa rrapporta fl-20 ta' Frar 2017 li kienu nsterqulu minn gol-kamra ta' huh Emanuel Mangion. L-arma l-ohra, *shotgun* tal-ghamla Luigi Franchi bin-numru ta' registrazzjoni T11460, jidher li tappartjeni lil Emanuel Mangion. Fir-rigward, P.S. 1193 Ryan Zammit xehed[2] illi ghalkemm huwa kien nizzel erronjament fir-rapport tal-okkorrenza illi kienu nsterqu tliet snieter, fir-realta` wara verifiki li huwa ghamel ma' Francis Mangion, gie konfermat illi effettivament kienu nsterqulu shotgun u air rifle u mhux zewg snieter.

Id-difiza targumenta illi galadarba hu evidenti li *air rifle* mhuwiex *shotgun*, jirrizulta li hemm indikazzjoni hazina tar-*res furtiva* fic-citazzjoni, liema zball skont id-difiza, ghandu jwassal ghan-nullita` tal-akkuzi (*sic.*) migjuba fil-konfront tal-imputat. Tissottometti wkoll illi konsegwentement, l-imputat ma jista' qatt instab hati tal-akkuzi kif dedotti fic-citazzjoni ghaliex minkejja l-fatt li dan l-izball immanifesta ruhu waqt id-depozizzjoni tal-imsemmi xhud P.S. 1433 James Saliba, il-Prosekuzzjoni baqghet ma talbitx li ssir korrezzjoni fl-akkuzi.

Il-Qorti taqbel illi fic-cirkostanzi, tista' tinstab htija fl-imputat biss, jekk ikun il-kaz, tas-serq ta' zewg snieter u mhux ta' tliet snieter (*shotguns*) stante illi kif inghad, mill-provi ma jirrizultax illi nsterqu tliet snieter izda tnejn biss. Kwantu ghat-tielet arma, din jirrizulta li hija *air rifle* u mhux *shotgun* u, ghalkemm arma tal-arja titqies bhala arma ghall-finijiet tal-Att dwar l-Armi (Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta) u hija regolata bid-dispozizzjonijiet ta' dan l-istess Att, evidentement din ma tistax titqies li hija arma tan-nar bl-istess mod bhal senter (*shotgun*).

Dan premess izda, dan l-izball fid-deskrizzjoni tar-res furtiva fic-citazzjoni, ma jistax, fil-fehma tal-Qorti, iwassal ghan-nullita` tal-akkuza u ghal-liberatorja tal-

[2] Xhieda tal-15 ta' Lulju 2019. Ara wkoll Dok. JS1 u JS2.

imputat stante illi huwa pacifiku illi n-nuqqas ta' indikazzjoni jew l-indikazzjoni hazina ta' wahda jew iktar mill-partikolaritajiet ta' fatt mehtiega mill-Artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali, ma jwassalx ghan-nullita` tal-akkuza jew tac-citazzjoni kontententi l-akkuzi addebitati lill-imputat u anqas ma jwassal necessarjament ghal-liberazzjoni tal-imputat.

Bhalma qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija fl-4 ta' Novembru 1994 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Emanuel Buttigieg**:-

*"Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti ghandhom jigu ndikati fiha mhux ghall-fini tal-validita` taghha, jew tal-proceduri, kompriza s-sentenza, li jsegwuha, izda ghall-fini ta' pratticita` u ta' evitar ta' telf ta' zmien, u cioe` biex l-imputat x'hin jidher quddiem il-Qorti jkun jaf fuqhiex ikun gie mharrek, u hekk dakinhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruhu ghall-imputazzjoni dedotta.*
.....
*Dan kollu premess ifisser li c-citazzjoni li jkun fiha l-ordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati qatt ma tista' tkun nulla, kemm jekk tkun tikkontjeni kif ukoll jekk ma tikkontjenix dettalji korretti jew skorretti tal-fatti. F'ebda kaz dik ic-citazzjoni ma ggib in-nullita' tal-proceduri sussegwenti, kompriza s-sentenza."*

Is-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 tal-Kodici Kriminali jirrikjedi biss li c-citazzjoni jkun fiha l-fatti tal-akkuza. Fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Philip Schembri** moghtija fit-18 ta' Novembru 1994 mill-Qorti tal-Appell Kriminali, gie spjegat:-

*"Dawn il-fatti, naturalment, iridu juru b'mod car ir-reat li tieghu l-persuna tkun qed tigi imputata, minghajr il-htiega ta' tigbid ta' kliem jew immaginazzjoni, jigifieri b'mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed jigi akkuzat u ghal liema reat jew reati jrid iwiegeb."*

In vista tal-gurisprudenza kopjuza tal-qrati taghna in materja, il-Qorti ma tqis illi difiza serja tibqa' tqajjem in-nullita` tal-akkuza bhala linja difensjonali..

Ghaldaqstant, mizmum ferm dak kollu appena kunsidrat, hija il-fehma tal-Qorti illi l-konsegwenza tal-indikazzjoni erroneja tar-*res furtiva* fic-citazzjoni, tista'

twassal biss, f'kaz fejn evidentement bhal fil-kaz odjern ir-*res furtiva* tikkonsisti f'iktar minn oggett wiehed misruq, ghal decizjoni illi ssib htija biss ghas-serq ta' dak ir-*res* li jigi ppruvat li effettivament insteraq mill-imputat, u l-liberazzjoni tieghu b'rabta mal-kommissjoni tar-reat kwantu ghal *res* iehor li ma jirrizultax mill-provi li jkun insteraq[3].

Ikkunsidrat;

Iz-zewg derubati entrambi kkonfermaw fix-xhieda taghhom[4] illi nsterqu zewg snieter tal-marka Benelli u tal-marka Luigi Franchi rispettivament, kif ukoll *air rifle*, liema armi kienu jinzammu gor-razzett ta' Emanuel Mangion bin-numru 4, Mengu Farmhouse, gewwa Birzebbuga limiti ta' Hal Far. Jirrizulta mix-xhieda ta' Emanuel Mangion illi dawn l-armi kienu jinzammu gewwa kamra fl-imsemmi fond u ma nstabux meta mar fil-post fl-20 ta' Frar 2017. Xehed ukoll illi l-imputat kien jaf fejn kienu jinzammu dawn l-armi u afferma li huwa kien zamm dawn l-armi f'idejh f'xi okkazzjoni meta kien dahal fil-fond bhala mistieden tat-tifla ta' huh Jeanesia Mangion.

Da parti tieghu, Francis Mangion xehed illi l-imputat gieli inzertah fil-kamra fejn kienu jinzammu l-armi, u jaf ukoll minghand it-tifla ta' huh illi l-imputat kien mar maghha fl-akkwati tal-fond fil-granet qabel kien sab l-armi neqsin. Qal ukoll illi huwa sab it-tieqa indikata fir-ritratt Dok. MX3 miftuha u kkonkluda illi l-access ghall-fond minn fejn saret is-serqa kien sar minn dik l-apertura.

L-imputat ma xehedx quddiem il-Qorti izda kien irrilaxxa stqarrija[5] lill-Pulizija li fiha jistqarr *inter alia* illi hu kien midhla tal-fond minn fejn insterqu l-armi, ghaliex ta' sikwit kien imur ghall-kacca flimkien maz-zijiet ta' habibtu Jeanesia Mangion. Madanakollu, huwa jinsisti li qatt ma dahal mit-tieqa tal-fond fejn

---

[3] Ara wkoll **Il-Pulizija vs Joseph Zahra**, deciza mill-Qorti tal-Appell, 5 ta' Awwissu 2003.

[4] Xhieda tal-15 ta' Jannar 2019.

[5] Fit-8 ta' Settembru 2018, traskrizzjoni Dok. MM1, fol. 140 *et seq.*

kienu jinzammu l-armi misruqin, izda dejjem dahal mill-bieb. Jistqarr ukoll illi filghaxija tal-14 ta' Frar 2017, huwa mar flimkien ma' Jeanesia Mangion, Sven Woodhead u Nicole Felice fir-razzett ta' Francis Mangion li jirrizulta li jinsab biswit ir-razzett ta' Emanuel Mangion minn fejn sehhet is-serqa in dizamina. Zied jghid illi filwaqt li Jeanesia baqghet fil-kamra ma' habibtha, hu flimkien ma' Sven hargu 'l barra mill-fond u qaghdu jduru quddiem il-kamra sakemm harget Jeanesia.

Bla dubju, din l-istqarrija tpoggi lill-imputat fil-lok tas-serqa u fil-jiem immedjatament qabel giet skoperta s-serqa u sar ir-rapport mill-Pulizija mid-derubati.

L-imsemmija Jeanesia Mangion xehdet quddiem il-Qorti[6] dwar din l-imsemmija okkazjoni meta hija marret fil-kamra ta' zijuha Francis Mangion flimkien mal-imputat u persuni ohrajn. Ix-xhud spjegat illi filwaqt li hi u l-habiba taghha baqghu fil-kamra ta' zijuha Francis Mangion - liema kamra l-Qorti fehmet li m'hijiex il-kamra li fiha kienu jinsabu s-snieter u l-airgun, ghaliex dawn kienu jinsabu fil-kamra l-ohra, ta' Emanuel Mangion - l-imputat u Sven Woodhead hargu 'l barra. Meta hija harget mill-fond wara ftit minuti, sabet lil Sven "*kokka mal-art fejn l-kamra ta' Frans*" u rat ukoll lill-imputat diehel minn fejn ix-xatba li taghti ghat-triq, gej fid-direzzjoni tal-ghalqa.

Meta xehed quddiem il-Qorti, Sven Woodhead qal[7] li fi Frar 2017 fil-ghaxija huwa kien mar flimkien mal-imputat, Jeanesia Mangion u tfajla ohra gewwa l-ghalqa ta' missier Jeanesia Mangion gewwa Hal Far. Fisser illi meta Jeanesia qaltilhom biex johrogu mill-kamra, hu u l-imputat hargu barra mill-fond. Dak il-hin l-imputat qallu biex imorru sal-kamra li kien hemm faccata tal-kamra ta' missier Jeanesia fejn, skont l-imputat kien hemm xi snieter. **Sven Woodhead**

[6] Xhieda tal-21 ta' Frar 2019.

[7] Xhieda tal-21 ta' Frar 2019.

**spjega illi l-imputat qallu biex joqghod ghassa ghal Jeanesia ghaliex hu kien ser jiftah it-tieqa tal-kamra l-ohra u jidhol ghas-snieter**. Kompla jixhed kif huwa ghen lill-imputat johrog tliet armi b'kollox ghaliex ma setax jaqbez mit-tieqa bihom, u hbewhom fil-haxix fl-akkwati tal-fond. **Ix-xhud gharaf it-tieqa indikata minn Emanuel Mangion u Francis Mangion fix-xhieda taghhom (ritratt Dok. MX3) bhala t-tieqa li minnha l-imputat acceda ghal gewwa l-fond biex jisraq l-armi**. Xehed ukoll illi kif ra lil Jeanesia tohrog mill-kamra ta' missierha, huwa heba taht cint izda hi mill-ewwel ratu. Wara ftit tal-hin kif qabdu hargu mill-ghalqa, gie l-imputat minn warajhom u tahom qatgha. Ix-xhud qal ukoll li meta telqu minn fuq il-post bil-vettura li kien qed isuq l-imputat, huma l-ewwel wasslu lil Jeanesia u mbaghad hu flimkien mal-imputat regghu marru fl-ghalqa. Hemmhekk huma ghabbew is-snieter li kienu hbew fil-haxix, gol-bagoll tal-karozza misjuqa mill-imputat u sussegwentement, l-imputat wasslu d-dar. Ix-xhud qal ukoll illi l-ghada huwa ltaqa' mal-imputat li tah €100 bhala sehmu mis-serqa.

Ikkunsidrat;

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, id-difiza tikkontendi illi x-xhieda ta' Sven Woodhead, oltre li hija inkonsistenti u nieqsa mill-kredibbilita`, tikkuntrasta sija mal-verzjoni li x-xhud kien ta fl-istqarrija li rrilaxxa lill-Pulizija, u sija wkoll max-xhieda ta' Jeanesia Mangion u ghaldaqstant, ghandha tigi skartata.

Madanakollu, il-Qorti wara li ezaminat ix-xhieda, ma rriskontrat ebda inkompatibbilita` ta' xi portata, bejn il-verzjoni ta' Jeanesia Mangion u dik moghtija minn Sven Woodhead. Ghall-kuntrarju, iz-zewg xiehda jaqblu f'dawk li huma l-fatti saljenti ta' dak li gara fl-episodju meta allegatament insterqu l-armi minn gol-kamra ta' Emanuel Mangion: entrambi jikkonfermaw illi dakinhar filghaxija l-erbat ihbieb marru fil-fond ta' missier Jeanesia Mangion u ta' huh Francis Mangion, u filwaqt li l-imsemmija Jeanesia Mangion baqghet fil-kamra flimkien mat-tfajla l-ohra, l-imputat u Sven Woodhead hargu 'l barra. Iz-zewg

xiehda jaqblu wkoll illi meta sussegwentement Jeanesia Mangion sabitu, Sven Woodhead kien kokka mal-art taht cint vicin il-kamra, u meta gie l-imputat huwa qalilha li kienu ser jistahbew biex jaghtuha qatgha. Jaqblu wkoll illi meta telqu minn fuq il-post, l-imputat wassalha d-dar.

Il-Qorti tqis illi l-fatt illi z-zewg xiehda ma qablux dwar id-direzzjoni li minnha gie l-imputat meta kienu hergin mill-ghalqa, m'huwiex daqstant relevanti. Huwa manifest illi dak il-hin, l-imputat kien diga` seraq l-armi u ghaldaqstant, huwa ftit jew wisq immaterjali bhala prova il-fatt jekk l-imputat marx jistahba fid-direzzjoni tat-triq jew jekk baqax fl-ghalqa. **Wara kollox, huwa indiskuss – kif ukoll inkontestat mill-imputat - illi fl-okkazzjoni deskritta fid-depozizzjoni ta' Jeanesia Mangion u ta' Sven Woodhead, l-istess imputat kien effettivament jinsab fl-inhawi tal-kamra minn fejn insterqu l-armi f'dik l-okkazzjoni**. Jirrizulta wkoll inkontestat mix-xhieda, illi f'dan l-episdodju kien hemm perijodu ta' hin li fih iz-zewg tfajliet kienu baqghu gewwa l-kamra ta' Francis Mangion filwaqt illi l-imputat u Sven Woodhead hargu mill-fond. Ghalhekk, il-fatt illi Jeanesia Mangion ma ratx lill-imputat hiereg bl-armi f'idejh ma jfissirx illi l-imputat ma kienx effettivament hareg l-armi minn gol-fond.

Ghalkemm huwa minnu li jezistu xi inkonsistenzi bejn il-verzjoni moghtija minn Sven Woodhead fl-istqarrija li kien irrilaxxa lill-Pulizija (skont kif jirrizulta mid-depozizzjoni tal-Ispettur Mario Xiberras) u x-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, il-Qorti wara li ezaminat iz-zewg depozizzjonijiet, irriskontrat kuntrast limitatament fir-rigward tas-segwenti kwistjonijiet ta' fatt: jekk ix-xhud kienx ra l-imputat hiereg bl-armi f'idejh mill-kamra, u l-ammont ta' flus li huwa rcieva minghand l-istess imputat l-ghada. Izda fl-istess hin, filwaqt li jirrizulta li d-difiza fl-ebda mument ma talbet sabiex l-istqarrija ta' Sven Woodhead tigi prodotta fl-atti ghall-finijiet ta' kontroll tal-kredibbilita` tax-xhud, il-Qorti ma tistax ma tiehux qies tal-fatt illi din l-istqarrija giet rilaxxata mix-xhud wara huwa gie arrestat in konnessjoni mal-istess serqa u qabel tressaq quddiem il-Qorti akkuzat bl-istess reat illum addebitat lill-imputat odjern. Kemm hu hekk, mix-

xhieda tal-Ispettur Mario Xiberras jirrizulta illi Sven Woodhead irrilaxxa l-istqarrija in kwistjoni f'Settembru 2018, filwaqt li huwa tressaq quddiem il-Qorti tal-Minorenni akkuzat bl-istess reat ta' serq li gie interrogat dwaru, f'udjenza tat-12 ta' Novembru 2018 fejn huwa rregistra wkoll ammissjoni ta' htija ghall-akkuza.

Ghaldaqstant, anke mizmum ferm il-fatt illi **x-xhud kien konsistenti fil-verzjoni tieghu meta fisser kif l-imputat qallu li kien diehel fil-kamra biex jisraq tliet armi filwaqt li huwa qaghad ghassa barra, u mkien ma kkontradixxa ruhu dwar dan il-fatt u lanqas dwar il-fatt li huwa thallas ammont ta' flus mill-imputat in konnessjoni ma' dinn is-serqa**, il-Qorti ma thossx illi ghandha tiskarta x-xhieda tieghu *in toto* kif issuggeriet id-difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha. Barra minn hekk, u fuq kollox, ma jistax ma jigix osservat illi dan ix-xhud baqa qatt ma gie prodott jixhed in kontro-ezami u konsegwentement, fil-kwadru tax-xhieda li ghandha quddiemha l-Qorti, ma tistax tqis bis-serjeta` l-allegazzjoni li l-verzjoni tieghu giet b'xi mod skreditata jew li ma ghandhiex tinghata piz jew affidabbilita`.

Ikkunsidrat;

**Izda, b'zieda ma' din ix-xhieda, il-Qorti ghanda wkoll quddiemha prova inkonfutabbli li fuq il-hgiega tal-apertura li minnha skont id-derubati u skont ukoll Sven Woodhead, inkiseb l-access ghal gol-kamra biex twettqet is-serqa, instabu tliet impronti digitali appartenenti lill-imputat**. Dan gie affermat mill-espert Joseph Mallia li eleva l-impronti digitali tal-imputat u ghamel ezercizzju komparattiv bejn dawn l-impronti u l-lifters li gew elevati minn fuq il-hgieg tal-apertura tal-kamra in kwistjoni. L-imsemmi espert fir-rapport tieghu wasal ghall-konkluzjoni[8] illi t-tliet impronti fuq il-lifter dokument

[8] Dok. JM1, fol. 197 *et seq*.

17 AMJ 301 huma identici mal-marka tas-seba' tal-werrej, il-marka tas-seba' tan-nofs u l-marka tas-seba' tac-curkett tal-imputat Jide Mallia.

Id-difiza tissottometti illi dawn l-impronti digitali, bhala evidenza cirkostanzjali, ma jistghux iservu wahedhom bhala prova tal-htija tal-imputat u lanqas jiswew bhala prova li tistabbilixxi meta effettivament dik l-impronta thalliet fuq il-hgiega. Issostni ulterjorment illi l-evidenza cirkostanzjali konsistenti fl-impronti digitali tal-imputat fuq il-hgiega, ma twassalx ghal konkluzjoni univoka u konsegwentement mhijiex konklussiva tal-htija tal-imputat ghas-serqa lilu addebitat. Ghaldaqtant, gie sottomess illi l-evidenza cirkostanzjali konsistenti fl-impronti digitali tal-imputat, ma tistax twassal ghal prova lil hinn minn kull dubju ragjonevoli li l-imputat huwa hati tar-reat in dizamina.

Il-Qorti tibda billi tosserva illi huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza illi filwaqt li fil-kamp kriminali l-provi jistghu jkunu kemm diretti kif ukoll indizzjarji, il-provi indizzjarji ghandhom ikunu univoci biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragonevoli, tar-reita` tal-imputat.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Borg et** deciza fil-15 ta' Gunju 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk in propositu:

"*Provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu uniovoci, cioe` mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda ilkoll flimkien, ghal konkluzzjoni li kien l-akkuzat u hadd aktar, anzi l-akkuzat biss, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu inkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Il-prova ta' fingerprints qeghda hemmhekk biex f'xi kazijiet issahhah provi ohra tal-*Prosekuzzjoni ***u f'kazijiet fejn dik tkun l-unika prova***". [enfasi ta' din il-Qorti]

Illi fis-sentenza moghtija 30 ta' Gunju 1998 fil-kawza fl-ismiijiet **Il-Pulizja vs. Emanuel Camilleri** gie deciz li f'dak il-kaz:-

"*... il-prova tal-fingerprints kien jinhtiegilha korroborazzjoni minn provi cirkostanzjali ohra.* ***Pero' hemm kazijiet fejn il-prova tal-fingerprints wahedha***

***tkun bizzejjed biex il-Qorti tkun moralment konvinta mill-htija tal-akkuza***". [enfasi ta' din il-Qorti]

F'sentenza ohra fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Simeon Nicholas Sultana**[9] gie ikkunsidrat illi:-

*"... in vena legali l-Qorti tosserva li sabiex il-prova indizzjarja twassal ghas-sejbien ta' htija, trid tkun* ***cara u univoka*** *fis-sens li twassal* ***necessarjament,*** *u f'kuntest ta' dak li hu* ***ragjonevoli****, ghall-htija tal-imputat. Fi kliem iehor, l-elementi ta' prova kostitwenti l-prova indizzjarja jridu jkunu bazati fuq* ***cirkostanzi provati li, interpretati b' mod ragjonevoli, ma jistghux iwasslu ghal konkluzjoni ohra ghajr dik tas-sejbien ta' htija. Multo magis meta din tkun l-unika prova li fuqha l-prosekuzzjoni qeda isserrah il-kaz taghha****. F'kaz li l-elementi ta' prova jistghu ragjonevolment jwasslu ghal konkluzjoni li ma tkunx is-sejbien ta' htija, allura ghandha tapplika l-massima 'in dubbio pro reo' u cioe' li dan id-dubbju ragjonevoli ghandu jmur favur l-imputat.*"

Applikat dan l-insenjament ghall-fattispecje tal-kaz in dizamina, huwa minnu illi mehudin wahedhom, l-impronti digitali tal-imputat fuq il-hgieg tal-apertura tal-kamra minn fejn insterqu l-armi in kwistjoni, liema apertura nstabet miftuha mid-derubat Francis Mangion, jikkostitwixxu biss prova tal-fatt illi l-imputat kellu kuntatt mal-imsemmija apertura, **izda fl-istess hin, din il-prova fattwali tikkostitwixxi wkoll indizzju ta' htija li l-piz tieghu ghandu mbaghad jigi meqjus fl-assjem tal-provi l-ohra kollha - sija diretti u sija wkoll cikostanzjali - li jirrizultaw mill-atti**.

Ikkunsidrat;

Id-difiza tikkontendi illi l-fatt illi l-*lifters* instabu biss **fuq barra** tal-apertura in kwistjoni u **mhux ukoll fuq gewwa**, maghdud il-fatt illi l-kamra in kwistjoni tinsab f'post pubbliku, ifisser illi din il-prova cirkostanzjali ghandha tintizen b'ferm iktar kawtela ghall-fini ta sejbien ta' htija.

[9] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati(Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-1 ta' Novembru 2001 u citata fis-sentenza **Il-Pulizija vs Sergio Agius**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-29 ta' Settembru 2019.

Madankollu, u kuntrarjament ghal dak sottomess mid-difiza, mill-provi senjatament ir-ritratti esebiti a *folio* 15 *et sequitur tal-atti*, jirrizulta illi effettivament il-kamra tinsab f'zona li kjarament ma tifformax parti u hija maqtugha mit-triq pubblika, oltre li hemm parapett privat li jinfed il-kamra mal-passagg li jwassal ghall-kamra. Maghdud dan il-fatt illi mix-xhieda ta' Jeanesia Mangion, il-Qorti fehmet illi sabiex wiehed jaccedi mit-triq pubblika ghaz-zona li fiha jinsabu l-irziezet tal-ahwa Mangion, irid jghaddi minn xatba.

Dan ifisser illi z-zona li fiha tinsab il-kamra li minnhom insterqu l-armi ma jistax jitqies li huwa post pubbliku izda f'kull kaz, il-Qorti tqis illi l-kwistjoni mhijiex jekk l-impronti instabux f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku. Il-kwistjoni hi jekk, **fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata**, jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Pierre Buttigieg**[10], f'cirkostanzi ta' serq minn gewwa fond mhux abitat, il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet osservat b'mod pertinenti ferm, illi l-impronti digitali ma jsibux ruhhom mal-bibien tad-djar kif gieb u lahaq:-

"*Fil-kors normali tal-ħajja n-nies ma joqogħdux iċappsu idejhom ma' bibien tan-nies, speċjalment bibien li ma jintużawx.*"

Fl-istess sentenza appena citata, il-Qorti qieset ukoll illi l-fatt li impronta tkun instabet f'post pubbliku ma jfissirx necessarjament illi dan l-indizzju jehtieg korroborazzjoni minn provi cirkostanzjali ohrajn. In propositu gie osservat hekk:-

[10] 15 Appell Kriminali (Inf.), **Il-Pulizija vs Pierre Buttigieg**, deciza 17 ta' Settembru 2008.

"*Prova indizjarja waħda, jekk tkun univoka w ma tagħti lok ghall-ebda spjegazzjoni oħra għajr dik tal-ħtija tal-akkużat, tista' tkun biżżejjed biex fuqha biss tinstab dik il-ħtija.*"

L-istess osservazzjoni ssib riskontru pjen ukoll fil-kaz odjern ghaliex fil-fehma tal-Qorti, irrispettivament minn jekk il-fond li minnhom insterqu l-armi ma jinsabx jew le f'post pubbliku, m'huwiex mistenni illi persuni joqghodu jmissu b'subghajhom mal-hgieg tal-aperturi tal-fond fuq barra. Il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi ghalkemm huwa minnu illi l-imputat kien midhla tal-fond in kwistjoni u gieli kien ikun mistieden biex imur ghall-kacca flimkien mal-familja Mangion, huwa pjuttost stramb kif l-impronti digitali tal-imputat kellhom jinstabu proprju fuq il-hgieg tal-apertura li mill-provi jirrizulta li nkiseb l-access ghall-kamra fejn kienu jinsabu l-armi li gew misruqa.

L-imputat innifsu, mistoqsi jaghti spjegazzjoni waqt l-interrogazzjoni tieghu ghas-sejbien tal-impronti digitali tieghu fuq il-hgieg, fisser kif dawn setghu nstabu fuq gewwa izda baqa' qatt ma gustifika ragjonevolment ghala l-impronti tieghu kellhom jinstabu fuq barra tal-hgieg. Ghalkemm il-Qorti hija konxja, ovvjament, illi l-imputat ma ghandu ebda obbligu li jispjega l-presenza tal-impronti tieghu, tqis illi galadarba huwa stabbilit illi instabu l-impronti tieghu fuq l-apertura li minnha qed jigi allegat li nkiseb access ghar-*res furtiva*, jispetta mbaghad lill-imputat jeghleb din l-inferenza b'tezi li tikkonvinci mqar fuq bazi ta' bilanc ta' probabbilitajiet. Izda fil-kaz in dizamina, ghad li nstabu dawn l-impronti, il-Qorti ma riskontrat ebda spjegazzjoni konvincenti fl-atti, lanqas fis-sottomissjonijiet tad-difiza waqt it-trattazzjoni, li tipperswadiha illi fic-cirkostanzi fuq imfissra, l-impronti tal-imputat probabbilment saru minnu ghal xi raguni legittima jew b'kumbinazzjoni.

Ghall-Qorti, m'hijiex haga mistennija b'mod ordinarju li persuna toqghod tmiss il-hgieg ta' aperturi ta' xi fond privat u thalli l-impronti digitali taghha, *multo magis* meta dan il-fond ma jappartjenix lilha, u ma thossx li ghandha tiehu bis-

serjeta` l-ipotesi offruta mill-imputat waqt l-interrogazzjoni tieghu cioe` li dan jista' jkun ghaliex kien jintbaghat mis-sidien tal-post biex jaghmlilhom kafe` jew igib il-kelb, u li seta' ghalhekk serrah mal-hgiega ghaliex kien hemm bank quddiem it-tieqa u "*forsi kont se naqa' u zammejt maghha*". Il-Qorti tifhem illi jekk ser ikun hemm kuntatt ghal raguni legittima minn persuni estranei ghall-fond, dan x'aktarx isir b'mod mhux intenzjonali. Izda f'kull kaz dan il-kuntatt anke jekk accidentali, m'huwiex mistenni li jsir proprju bis-swaba' fuq xi tieqa fejn quddiemha jinsab bank li evidentement jikkostitwixxi ostakolu bejn il-persuna u l-istess tieqa, ghaliex f'tali kaz biex wiehed imiss mat-tieqa, irid necessarjament jitla' fuq dan il-bank. Il-Qorti qalja tista' tifhem kif l-imputat seta' **innocentement jitla' fuq il-bank taht it-tieqa in dizamina[11] u jpoggi subajh fuq il-hgieg tal-apertura hlief proprju biex jiftah l-apertura**.

Dwar is-sottomissjoni tad-difiza illi mhuwiex attendibbli l-ipotesi illi l-imputat, li huwa xellugi, seta' jisforza l-ftuh ta' aperturi b'zewg swaba' ta' idu l-leminija, il-Qorti tosserva illi kif jirrizulta mir-ritratt Dok. MX3 kif ukoll mix-xhieda tal-Ispettur Mario Xiberras, it-tieqa in dizamina hija *a sliding door* liema apertura, skont Francis Mangion, ma kienetx tinghalaq tajjeb. Tosserva wkoll illi biex tressaq lura *a sliding door*, il-poza naturali tal-id tkun li s-swaba' centrali tal-id jisserrhu fuq il-hgieg biex issir pressjoni halli l-apertura tista' tingibed lura.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tosserva ulterjorment illi dan il-kaz huwa differenti ferm mill-kaz mertu tas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Romeo Bone[12]** fejn l-unika prova kontra l-imputat kienet il-prova indizzjarja ta' impront digitali wiehed li nstab fuq il-batterija gewwa vettura li ma jirrizultax li kellha ebda konnessjoni mas-serqa mertu tal-kaz.

[11] Il-bank issemma' mill-imputat waqt l-interrogazzjoni tieghu, u jirrizulta wkoll mir-ritratti fir-rapport imhejji minn PC 1491 Kurt Attard – Dok. KA1, fol. 107 – illi huwa acceda fuq il-post fejn sehhet is-serqa f'16.00h fl-20 ta' Frar 2017, u b'hekk isegwi illi huwa eleva l-impronti digitali dakinhar stess li sar ir-rapport dwar is-serqa.
[12] Deciza minn din il-Qorti diversament preseduta, 17 ta' Mejju 2016.

Il-Qorti, filwaqt tirrikonoxxi, kif sewwa sottomettiet id-difiza, illi hemm certi kazijiet fejn is-sejbien ta’ impronti tal-persuna imputata fuq ir-*res furtiva* jew fuq oggett li bih jinkiseb access ghar-res furtiva, ma jistax jitqies bhala prova konklussiva tal-htija ghar-reat ta’ serq jew hsara volontarja, dan il-kaz m’huwiex wiehed minnhom. Dan ghaliex il-konkluzjoni tal-Qorti illi ma hemm ebda spjegazzjoni ragjonevoli u legittima ghall-prezenza tal-impronti digitali tal-imputat instabu fuq il-hgiega tat-tieqa li tipprovdi access ghall-kamra li minnha nsterqu l-armi in kwistjoni, hlief sabiex jiftah l-apertura biex jidhol jisraq l-armi, hija rinforzata ulterjorment mix-xhieda ta’ Sven Woodhead li fisser kif **l-imputat acceda fil-kamra in kwistjoni minn gol-istess tieqa u dan proprju sabiex jisraq l-armi**. Il-presenza tal-imputat u ta’ Sven Woodhead fl-akkwati tal-fond in kwistjoni fil-granet qabel giet skoprerta s-serqa tal-armi, hija affermata ulterjorment minn Jeanesia Mangion kif ukoll mill-imputat innifsu.

Ghalhekk, jirrizulta li oltre ghall-presenza tal-impronti digitali tal-imputat fuq il-hgieg tal-apertura in kwistjoni, jezistu f’dan il-kaz provi ohrajn diretti li jorbtu lill-imputat mas-serq tal-armi mill-fond tal-ahwa Mangion, liema provi mehudin flimkien iwasslu lill-Qorti sabiex tigbed biss konkluzjoni wahda cioe` illi l-imputat huwa hati tas-serq tal-armi tan-nar mill-pussess tal-ahwa Mangion kif addebitat lilu fic-citazzjoni, liema serq huwa wkoll ippruvat fl-elementi kollha kostituttivi tieghu.

Ikkunsidrat;

Illi minn ezami tal-atti jirrizulta illi l-Prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova kwalsiasi dwar il-valur tal-armi misruqin u ghaldaqstant, il-Qorti ma tqisx illi tista’ tinstab htija ghar-reat ta’ serq aggravat bil-valur a tenur tal-Artikolu 267 tal-Kodici Kriminali izda biss ghar-reat ta’ serq semplici ghall-fini tal-Artikolu 284 *et sequitur* tal-Kap. 9. Il-Qorti hawnhekk tosserva li indipendentement mir-rizultanzi tal-provi akkwiziti fl-atti, ma jirrizultax mill-akkuza kif giet imfassla,

illi l-imputat qed jigi addebitat ir-reat ta' serq li huwa aggravat b'xi kwalifiki ohrajn minn dawk elenkati fl-Artikolu 261 tal-Kap. 9.

Kwantu ghall-piena, il-Qorti hadet qies tar-rapport imhejji mill-ufficjal tal-Probation mahtur mill-Qorti fuq talba tad-difiza li saret fid-19 ta' Novembru 2019, liema rapport gie esebit fl-udjenza tal-24 ta' Jannar 2020 (Dok. X). Minn ezami ta' dan ir-rapport kif ukoll mix-xhieda tal-ufficjal tal-Probation waqt l-imsemmija udjenza tal-24 ta' Jannar 2020, il-Qorti fehmet li l-imputat jehtieg li jinghata ghajnuna sabiex izomm 'il boghod minn vizzji u mill-kriminalita` u fl-istess waqt, sabiex isahhah il-valuri tajbin li jidher li ghandu, fosthom il-bzulija f'xogholu. Dan qed jinghad riferibbilment ghall-fatt illi ghalkemm ghadu zaghzugh ta' ghoxrin sena, il-fedina penali tal-imputat turi illi huwa diga` gie kkundannat darbtejn ghal reati kriminali separati, entrambi kommessi meta kellu biss tmintax-il sena.

F'dan il-kwadru ta' fatti, il-Qorti anke tenut kont l-eta` zghira tal-imputat meta kkommetta r-reat ta' serq li qed jinstab hati tieghu, u wara li hadet in konsiderazzjoni wkoll ir-rakkomandazzjonijiet li saru mill-Ufficjal tal-Probation, tqis illi l-iktar sanzjoni xierqa li tista' tigi imposta fic-cirkostanzi mhijiex piena karcerarja, izda hija l-hrug ta' Ordni ta' Probation fil-konfront tal-imputat sabiex jinghata gwida strutturata f'hajtu ghall-fini li jaghraf iqieghed il-futur tieghu fuq binarji tajbin minflok jerga' jaqbad it-triq tal-kriminalita`.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil JIDE MALLIA hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed lill-istess JIDE MALLIA taht Ordni ta' Probation ghal perijodu ta' tliet (3) snin.**

*Illum, 16 ta' Lulju 2020* *Magistrat Dr. Rachel Montebello B.A. LL.D.*

**Il-Qorti fissret lill-hati, bi kliem li huwa jifhem, x'ikun l-effett tal-ordni, u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruhu maghha jew jaghmel xi reat iehor, jista' jingħata sentenza ghar-reat originali, u l-hati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma mal-htigijiet ta' din l-ordni.**

**Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-hati sabiex ihallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta' sitt mija u sebgha u sebghin Euro u erbgha u tmenin centezmu (€677.84) rapprezentanti spejjez imhallsin lill-esperti nominati f'dawn il-proceduri[13].**

**Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**

[13] Esperti (i) Dr. Marisa Mifsud (Dok. MM1) €113.82 u (ii) Joseph Mallia (Dok. JM1) €564.02.